MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Numru. 983/2012

Il-Pulizija
(Sp Roderick Agius)
vs
Joseph Ghigo, iben Joseph, imwieled Pieta' fil-11 ta' Marzu, 1965, karta ta' l-identita' numru 188865(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fis-6 ta' Settembru, 2012 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. fis-6 ta' Settembru, 2012 ġewwa l-Hiccups Pub ġewwa Paceville u/jew f'dawn il-Gżejjer ikkometta serq ta' flus kontanti liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur li jeċċedi l-€232.94 iżda anqas minn €2,329.37 għad-dannu ta' SBC Operators Limited u/jew persuni oħra;

2. fis-6 ta’ Settembru, 2012 ġewwa l-Hiccups Pub ġewwa Paceville u/jew f’dawn il-Gżejjer approprja ruħu billi dawwar bi porfitt għalih jew għal persuna oħra, minn flus ta’ ħaddieħor li ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat għad-dannu ta’ SBC Operators Limited u/jew persuni oħra;
3. fit-30 ta’ Awwissu, 2012 ġewwa d-Dick’s Bar, San Ġiljan u/jew f’dawn il-Gżejjer ikkometta serq ta’ flus kontanti liema serq hu aggravate bil-persuna u bil-valur li jeċċedi l-€232.94 iżda anqas minn €2,329.37 għad-dannu ta’ SBC Operators Limited u/jew persuni oħra;
4. fit-30 ta’ Awwissu, 2012 ġewwa d-Dick’s Bar ġewwa San Ġiljan u/jew f’dawn il-Gżejjer approprja ruħu billi dawwar bi porfitt għalih jew għal persuna oħra, minn flus ta’ ħaddieħor li ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat għad-dannu ta’ SBC Operators Limited u/jew persuni oħra;
5. fis-6 ta’ Settembru, 2012 ġewwa l-Hiccups Pub ġewwa Paceville u/jew f’dawn il-Gżejjer, għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan rigward il-firma ta’ fuq id-dokument tal-cash sale li tqassam ġewwa l-Hiccups Pub;
6. fit-30 ta’ Awwissu, 2012 ġewwa d-Dicks Bar ġewwa San Ġiljan u/jew f’dawn il-Gżejjer, għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom

jippruvaw, u dan rigward il-firma ta’ fuq id-dokument tal-cash sale li tqassam ġewwa d-Dicks Bar;
7. fl-istess lok ħin u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv ta’ diversi sentenzi skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Jannar, 2013 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ma għandu xejn x’jaqsam mar-reati dwar il-Hiccups Pub. L-ammont meħuda mid-Dicks Bar kien ta’ €439 iżda llum l-imputat għandu jagħti s-somma ta’ € 329 lis-soċjeta’SBC Operators Limited.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati ta’ l-ewwel tlett akkużi u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Isibu ħati tar-raba’, tas-sitt u tas-seba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 183 u 293 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €329 lis-soċjeta’ SBC Operators Limited fi żmien tlett xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------